TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 10/19/F

**Jane u John Bonnici**

**vs**

**SMS Mondial Ltd.**

Illum 11 ta' Lulju, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Jannar, 2019 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti ċertu nuqqasijiet meta marru vaganza lejn Strasbourg.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu bbukkjaw vaganza lejn Strasbourg mad-ditta ntimata u fost in-nuqqasijiet illi lmentaw bihom kien illi fl-ewwel ġurnata, l-Erbgħa 29 t'Awwissu, marru bil-kowċ lejn il-belt ta' Strasbourg, pero' mbagħad wara kellhom imorru lura lejn il-hotel bil-mixi.

L-ghada, l-Ħamis 30 t'Awwissu, ttieħdu Riquewihr għal City tour fejn ma ngħataw l-ebda spjegazzjoni ta' din il-belt. Il-Ġimgħa, 31 t'Awwissu, żaru Mainau Island fejn marru jaraw il-Butterfly Sanctuary u ttieħdu jaraw ir-Rhine Falls fejn ma kienx hemm biżżejjed żmien biex imorru l-boat ride, li kienet l-attrazzjoni prinċipali. Ftit minnhom ħadu l-boat ride u xi wħud ma ħaduhiex għax qalulhom li kellhom imorru lura għax id-distanza kienet twila.

Il-Ħadd, 2 ta' Settembru, ittieħdu Triberg fejn tħallew waħedhom u li ma tantx kellhom ħin lanqas.

It-Tnejn, 3 ta' Settembru, ittieħdu Heidelberg fejn setgħu jmorru mixja twila tul ix-xmara, pero' din qatt ma saret. L-ilment prinċipali kien illi t-tour leader ma tantx tahom spjegazzjonijiet.

L-intimat issottometta illi kollox kien tajjeb u li ma kienx hemm ilmenti. Illi preliminarjament is-soċjeta' ntimata qalet li dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jisma' dan il-każ fejn qalu li hemm qbil bejn il-partijiet li l-Qorti Maltija għandha l-kompetenza, u prova ta' dan ma ġabx u li allura qed jiċħad din l-ewwel eċċezzjoni.

Xehdet ukoll it-tour leader, fejn qalet illi hi kienet tour leader u mhux gwida, u li mhijiex awtorizzata tagħmel xogħol ta' guiding għax ma kinitx liċenzjata.

It-Tribunal sema' xi xhieda oħra u jikkonkludi s-segwenti:

Illi l-impressjoni li wieħed jingħata meta jibbukkja ma' l-SMS Mondial, huwa li dan il-vjaġġ għandu tour leader miegħu. Il-kunċett ta' tour leader huwa li jkun jista' jispjega u jgħidilhom xi jkun għaddej u x'għandhom jaraw. Għalkemm jidher illi t-tour leader għamlet xi effort sabiex tispjegalhom xi affarijiet fuq il-coach, li ma wassalx għal servizz tajjeb għax ħafna drabi tħallew waħedhom u jidher ukoll li kien hemm xi diżorganizzazzjoni għar-rigward l-obligi tal-vjaġġ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150), għal kull persuna li ntavola l-kawża, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**